



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14994/23

LIMITE

CORLX 999
CFSP/PESC 1479
EPF AM 111
CSDP/PSDC 753
CSC 515
EUMC 467
COPS 535

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: COUNCIL DECISION amending Decision (CFSP) 2023/231 on an assistance measure under the European Peace Facility to support the Ukrainian Armed Forces trained by the European Union Military Assistance Mission in support of Ukraine

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/231 dwar miżura ta' assistenza
taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati Ukreni
mħarrġa mill-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u
l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u
l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Frar 2023, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2023/231¹, li stabbiliet miżura ta' assistenza biex tappoġġa t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-Forzi Armati tal-Ukrajna permezz tal-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (EUMAM Ukraine) biex tiġi l-integrità territorjali u s-sovranità tal-Ukrajna kif ukoll biex tiġi protetta l-popolazzjoni ċivili mill-aggressjoni militari li għaddejja.
- (2) Fil-konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill Ewropew ikkonferma mill-ġdid ir-rieda tal-Unjoni li tkompli tipprovdi appoġġ militari sostenibbli lill-Ukrajna sakemm ikun meħtieġ, b'mod partikolari permezz ta' EUMAM Ukraine u l-Faċilità Ewropea għall-Paċi.
- (3) F'ittra datata t-23 ta' Awwissu 2023, l-awtoritajiet Ukreni rrikonoxxew il-kontribut ipprovdut minn EUMAM Ukraine u talbu estensjoni tat-taħriġ ta' EUMAM Ukraine lill-Gwardja Nazzjonali, lis-Servizz tal-Fruntiera tal-Istat, lill-Pulizija Nazzjonali u lis-Servizz tas-Sigurtà tal-Ukrajna, għal dawk l-unitajiet li jinsabu taħt il-kontroll operazzjonali tal-Forzi Armati tal-Ukrajna.
- (4) F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-miżura ta' assistenza stabbilita bid-Deċiżjoni (PESK) 2023/231 tkompli tappoġġa l-isforzi ta' taħriġ ta' EUMAM Ukraine u, għalhekk, jenħtieġ li l-ammont ta' referenza finanzjarja jiżdied b'EUR 10 000 000 addizzjonali u li d-durata tagħha tiġi estiża għal 60 xahar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/231 tat-2 ta' Frar 2023 dwar miżura ta' assistenza taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati Ukreni mħarrġa mill-Missjoni ta' Assistenza Militari tal-Unjoni Ewropea b'appoġġ għall-Ukrajna (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 64).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2023/231 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 60 xahar mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.";

(2) l-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 55 000 000.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. F'konformità mal-Artikolu 29(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-amministratur għall-operazzjonijiet jista' jagħmel sejħa għal kontribuzzjonijiet wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, sa EUR 55 000 000. Il-fondi li għalihom jagħmel sejħa l-amministratur għall-operazzjonijiet għandhom jintużaw biss biex titħallas in-nefqa fil-limiti approvati mill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 fil-baġit relatat li jikkorrispondi għall-miżura ta' assistenza.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
